**Rapport tas-Suq Monetarju għall-ġimgħa li ntemmet fl-14 ta' Frar 2020**

## Operazzjonijiet Monetarji tal-BĊE

Fl-10 ta' Frar 2020, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ħabbar operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament (MRO) ta' sebat ijiem. L-irkant sar fil-11 ta' Frar 2020 u attira offerti ta' €0.90 biljun mill-kontropartijiet eliġibbli fiż-żona tal-euro, €0.06 biljun iktar mill-ammont tal-offerti tal-ġimgħa ta' qabel. L-offerti kienu kollha allokati b'rata fissa ekwivalenti għar-rata tal-MRO kurrenti ta' 0.00%, skont il-politika eżistenti tal-BĊE.

Fit-12 ta' Frar 2020, il-BĊE flimkien mal-Federal Reserve tal-Istati Uniti, mexxa operazzjoni ta' finanzjament fid-dollaru Amerikan fuq sebat ijiem permezz ta' self garantit. Din l-operazzjoni attirat offerti ta' $0.06 biljun li ġew allokati kollha b'rata fissa ta' 2.08%.

## Suq Domestiku tal-Bills tat-Teżor

Fis-suq domestiku primarju tal-bills tat-Teżor, it-Teżor għamel sejħa għall-offerti għal bills ta' 91 ġurnata għall-valur tal-pagament 13 ta' Frar 2020, li jimmaturaw fl-14 ta' Mejju 2020. Kien hemm offerti ta' €15-il miljun għall-bills ta' 91 ġurnata li minnhom it-Teżor aċċetta €13-il miljun. Minħabba li €13-il miljun f'bills immaturaw matul il-ġimgħa, il-bilanċ tal-bills tat-Teżor ma nbidilx u baqa' €388 miljun.

Ir-rendita li rriżultat mill-irkant ta' bills ta' 91 ġurnata kienet ta' -0.436%, tnaqqis ta' 0.3 ta' punt bażi minn dik fuq bills b'perjodu ta' maturità simili li ħarġu fis-6 ta' Frar 2020 u li tirrappreżenta prezz ta' offerta ta' €100.1103 kull €100 nominali.

Matul din il-ġimgħa ma kienx hemm tranżazzjonijiet fil-Borża ta' Malta.

Din il-ġimgħa t-Teżor ser jagħmel sejħa għall-offerti għal bills ta' 91 ġurnata u bills ta' 273 ġurnata li jimmaturaw fil-21 ta' Mejju u fid-19 ta' Novembru 2020, rispettivament.